MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 111/2011

**Vascas Enterprises Limited**

**vs**

**Adrian Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-8 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. IIIi l-intimat kien gie mpjegat mis-socjeta rikorrenti bhala "Manager - Purchasing & Cost Control" ai termini tal-kundizzjonijiet esposti fil-kuntratt ta' mpjieg tieghu datat 18 ta' Gunju 2008, hawn anness u mmarkat Dok A.

2. Illi fir-rwol tieghu mas-socjeta rikorrenti, l-intimat kellu d-dmir li jagixxi esklussivament fl-interess tas-socjeta rikorrenti, jipprotegi l-interessi kollha taghha, inkluz dawk kummercjali, u jzomm l-informazzjoni kunfidenzjali ghalih u ghall-gid u l-bzonn biss u esklussiv tas-socjeta rikorrenti, in kwantu kien ukoll qed jokkupa pozizzjoni ta' fiducja fi hdan is-socjeta esponenti u kien fuq kollox qed jithallas ghalhekk.

3. Illi fit-12 ta' Marzu 2010 l-intimat ittermina l-impjieg tieghu minhabba li kif minnu dikjarat, huwa kien sab impjieg iehor u dan kif tixhed l-ETC termination form hawn annessa u mmarkata Dok B.

4. Illi wara t-tmiem tal-impjieg tal-intimat, is-socjeta esponenti saret taf illi l-istess intimat kien uza informazzjoni kunfidenzjali u kuntatti illi huwa kellu eskluzivament tramite l-impjieg tieghu mas-socjeta esponenti, sabiex jiftah negozju tieghu personali u dan, mhux fil-kuntest ta' kummerc hieles, izda ghad-detriment u a skapitu tas-socjeta esponenti, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

5. Illi come di fatti - fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta esponenti, u sabiex jipprepara ghall-bidu tan-negozju tieghu personali mas-supplier in kwistjoni tas-socjeta rikorrenti, l-esponent kien proprju qieghed inaqqas l-ordnijiet minn mas-supplier in kwistjoni u fl-istess waqt jinnegozja hu personalment, addirittura fil-hin tax-xoghol u bil-mezzi pprovduti lilu mill-istess socjeta rikorrenti, sabiex jaghlaq in-negozju hu personalment mas-supplier barrani.

6. Illi fost l-agir skorrett u qarrieqi tal-intimat, huwa bieghed lis-socjeta rikorrenti minn supplier ewlieni taghha fil-qasam tal-gojjelleria, u dan bl-ghan illi jiffinalizza l-istess negozju tieghu mal-istess supplier, kollox kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-odjerna kawza.

7. Illi dan l-agir abbuziv u illecitu da parti tal-intimat isarraf fi ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu kif naxxenti kemm mill-ligi u kif ukoll mill-kuntratt tax-xoghol tieghu mas-socjeta rikorrenti.

8. Illi b'konsegwenza tal-agir skorrett, illecitu u illegali da parti tal-intimat, u bi tal-ksur tal-kuntratt ta' impjieg tal-intimat, is-socjeta rikorrenti soffriet danni konsiderevoli fin-negozju taghha, konsistenti fost ohrajn fit-telf ta' prodotti suppliti lilha minn supplier partikolari barrani u konsegwentament, l-eventwali telf ta' bejgh u qliegh tal-istess prodotti ta' gojjellerija tal-istess supplier.

9. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni sofferti mill-esponenti, inkluz b'ittra ufficcjali datata 13 ta' Lulju 2010 - Dok C, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti qeghdha titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat, bl-agir tieghu, kiser l-obbligi minnu assunti ai termini tal-kuntratt ta' mpjieg ta' bejn il-partijiet datat 18 ta' Gunju 2008 u kif ukoll agixxa b'mod skorrett, sleali, qarrieqi u illecitu bhala impjegat tas-socjeta rikorrenti, konsegwenza ta' liema agir l-intimat ikkawza dannu lis-socjeta rikorrenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti b'konsegwenza tal-agir tal-intimat u tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti b'konsegwenza tal-agir tal-intimat, occorrendo, jekk ikun necessarju, bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kif mitlub.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 13 ta' Lulju 2010 (Dok C) u b'dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment, u bl-imghax legali skond il-ligi kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista tispetta lis-socjeta rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1) Preliminarjament, l-intimat jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mis-socjeta rikorrent huma marbuta mal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-intimat kif mahsub f'Titolu I tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk huwa t-Tribunal Industrijali li hu vestit bil-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jisma' u jiddeciedi dwar il-pretensjonijiet ai termini tal-Artikolu 75(1)(b) tal-istess Kap;

2) IIIi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost , in kwantu jirrigwarda l-mertu tat-talbiet tas-socjeta rikorrenti, tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi l-intimat dejjem agixxa korrettament u in buona fede fil-qadi ta' dmirijietu fl-impjieg mas-socjeta rikorrenti u l-allegazzjonijiet ta' agir skorrett huma ghal kollox michuda;

ii. Illi ghandu jirrizulta li l-prezenti proceduri huma biss intizi biex malizzjozament jivvessaw lill-intimat u b'hekk jittentaw ixekklu l-kompetizzjoni hielsa fis-suq wara li l-intimat ghazel li ma jibqax aktar impjegat mas-socjeta rikorrenti u minflok fetah ghal rasu kif kellu kull dritt jaghmel skond il-ligi;

3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta rikorrenti ghad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess socjeta rikorrenti ma ghandhiex jedd ghal danni u, fi kwalunkwe kaz, ma sofriet ebda danni.

4) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li l-eccezzjoni preliminari tal-gurisdizjoni giet irtirata b'verbal fil-5 ta' Dicembru 2011;

Rat l-atti u n-noti tal-osservazzjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza dwar ksur ta' obbligi kuntrattwali espliciti jew impliciti assunti mill-konvenut b'kuntratt ta' impjieg datat 18 ta' Gunju 2008, u agir skorrett, sleali, qarrieqi u illecitu bhala impjegat.

In generali b'referenza ghal kuntratt is-socjeta attrici tallega illi l-konvenut kiser il-kondizzjoni 9.1 tal-kuntratt ta' impjieg li tghid:

> The employee agrees to render his/her services exclusively to Vascas Enterprises and shall not carry on or be engaged in any other activity, business, trade or calling whatsovever if the employee is employed on a full-time basis. Consent to render any other services by the employee shall only be valid if Vascas Enterprises' Board of Directors presents this in writing to the employee.

Kif ukoll kiser kondizzjoni 10.1 tal-istess k untratt li tghid hekk:

> The employee shall during the term of his/her employment as well as after, treat as confidential all information concerning Vascas Enterprises or any client of Vascas Enterprises to which he/she becomes privy as a result of or incidential to the performance of this/her contract.

Dan kollu johrog car mill-affidavit tad-direttur tas-socjeta attrici Arthur Castillo u Mark Vassallo.

Fl-ispecifiku s-socjeta attrici tramite d-diretturi taghha tallega illi fit-terminu tal-impjieg tieghu, il-konvenut, ad insaputa tas-socjeta attrici beda jipprepara biex jitlaq mill-impjieg li kellu, juza informazzjoni u kuntatti li kellu in virtu tal-istess impjieg biex juzahom fin-negozju li kien bi hsiebu jwaqqaf u ghal dan il-ghan beda jnaqqas ordnijiet ta' supplier ewlieni partikolari tas-socjeta attrici biex jikkapparah ghan-negozju l-gdid li kien ser jiftah ghal rasu, liema negozjati kienu qed isiru fiz-zmien li kien ghadu fl-impjieg u b'hekk ikkawza danni lis-socjeta attrici naxxenti mill-ksur tal-obbligi assunti qua manager tal-istess socjeta.

**Provi**

Il-provi tas-socjeta attrici li fil-fehma taghha tikkorobora l-pretensjoni taghha huma fil-qosor kif gej:

Arthur Castillo wiehed miz-zewg diretturi tas-socjeta attrici jixhed li l-konvenut kien impjegat bhala store keeper fl-2004 pero billi wera kapacitajiet oghla sar kuntratt ta' impjieg bil-miktub fit-18 ta' Gunju 2008 fejn il-konvenut inghata t-titolu ta' manager – purchasing and cost control. Izid li l-konvenut kien inkarigat jaghmel l-ordnijiet u costing calculations biex jigi stabbilit il-prezz tal-bejgh tal-oggetti. Il-kwistjoni titratta r-rapport kummercjali tas-socjeta

attrici mad-ditta Re Argento Srl li skond l-istess direttur bdieh hu fi Frar 2007 meta gab brochure u card taghhom minn fiera internazzjonali u bi qbil mad-direttur l-iehor ghadda d-dettalji lil konvenut biex jikkuntattjahom.

Fil-fatt saru ordnijiet minn Mejju 2007 sal-ahhar tas-sena mad-ditta msemmija fl-ammont ta' €74,730 pero fl-2009 sal-ahhar ta' Awwissu saru ordnijiet b'kemm jiswew €14,010. B'risposta ghaliex l-ordnijiet fl-2009 kienu naqsu u addirittura waqfu, il-konvenut spjegalu li l-prodotti kienu ta' kwalita inferjuri u bi prezz oghla minn ohrajn. Sussegwentement irrealizza illi din kienet biss manuvra da parti tal-konvenut biex jikkapparra l-kumpanija l-ohra li jitlaq lil kumpanija attrici u jiftah ghal rasu. Gew esebiti xi e-mails li nstabu fil-computer tax-xoghol bejn il-konvenut u rapprezentat tas-socjeta Re Argento, Barbara Giaconi datati Novembru/Dicembru 2009 riportati a fol. 37 et seq. tal-process.

Id-direttur l-iehor Mark Vassallo jikkorrobora din ix-xhieda u jzid illi f'Settembru 2009 kien sejjer fiera f'Milan u meta staqsa lil konvenut ghaliex ma kienx inkluda l-kuntatt ma' Re Argento fost il-kuntatti li tah, il-konvenut irrisponda li ma kienx hemm ghalfejn jiltaqghu maghhom. In oltre meta fl-2010 ghamel verifika dwar dak li kien qal il-konvenut dwar kwalita u prezz tal-prodott ta' Re Argento meta fl-2009 ma baqghax isiru ordnijiet, irrizultalu li kienu tal-istess prezz u kwalita ta' prodotti ohra. Mark Vassallo jsostni li l-konvenut agixxa b'dan il-mod biex jiehu l-esklussivita tad-ditta meta jiftah ghal rasu, a skapitu tas-socjeta attrici. Tant hu hekk li qabel ma ittermina l-impjieg tieghu f'Marzu 2010 il-konvenut hallielu lista ta' kuntatti ta' suppliers pero eskluda r-Re Argento minnha. Fil-kontroezami l-istess xhud stqarr illi ghalkemm kienu jsiru laqghat dwar in-negozju ghal istabilimenti ta' Vascas, u jitkellmu bhala grupp li fih kien jinkludi lil Adrian Ellul, pero finalment id-decizjoni finali kienet tieghu u d-direttur l-iehor Arthur Castillo. In kwantu ghal ordnijiet li kienu jsiru u ma' min kienu jsiru u fl-liema proporzjon, hu kien joqghod hafna drabi fuq il-parir li kien jaghtih Adrian Ellul, u kien jaghtih il-kunsens tieghu. In kwantu ghal Re Argento specifikament ix-xhud qal l-credit terms kien jiehu hsiebhom il-konvenut soggetti ghal approvazzjoni tad-diretturi, u dan wara li d-diretturi jkunu individwaw ma' liema suppliers ser jahdmu. Rigward ir-raguni ghaliex l-ordnijiet minghand ir-Re Argento naqsu u zdiedu dawk tad-ditta Valenti ix-xhud qal li jahseb li jekk jonqsu l-ordnijiet minghand supplier iridu jizdiedu l-ordnijiet ta' supplier iehor, pero ma setax jaghti spjegazzjoni tar-raguni ghaliex sar hekk, ghalkemm ighid li probabilment il-konvenut kien jaf ir-raguni.

Rigward esklussivita x-xhud qal li qatt ma kellhom ftehim ta' esklussivita bil-miktub ma ebda supplier izda kien hemm gentleman's agreement ta' esklussivita mad-ditta Valenti. Izid li l-konvenut ftiehem ma' klijenti tas-socjeta attrici li wkoll kienet tbiegh xi affarijiet zghar lill-istess ditta sabiex jiffurmaw shubija flimkien u jifthu ghal rashom kif fil-fatt gara.

Il-kovenut invece jghid illi kienet id-ditta Re Argento li kkuntattjat lis-socjeta attrici fl-2007 tramite telefonata li ha hu personalment. Kellmitu certu Barbara li qaltlu li xtaqet taghmel negozju mad-ditta attrici. Hu ghadda l-informazzjoni lid-direttur Arthur Castillo li ddecidew li jibda jiehu xoghol minghandhom peress li l-prezzijiet kienu bhal dawk tad-ditta Valenti li maghhom is-socjeta attrici kellha esklussivita. Hu beda jixtri daqqa minghand ditta u daqqa minghand ohra flimkien ma' zewg ditti ohra li kienu jissuplixxu lis-socjeta attrici u dan dejjem bil-kunsens tad-diretturi u l-accounts department. Fis-sena 2008 hu u d-direttur Arthur Castillo marru ghand wiehed mis-suppliers l-ohra fil-Grecja u saret ordni bi ftehim mal-istess direttur. Minhabba f'hekk kellhom jitnaqqsu l-ordnijiet ta' suppliers ohra.

Wara li sar il-kuntratt gdid ta' impjieg mal-konvenut f'Gunju 2008 gew Malta rapprezentanti tas-suppliers Valenti f'Lulju tal-istess sena u kienu staqsew ghaliex kienu qed jonqsu l-ordnijiet u jekk mhux ser jizdiedu ser inehhu l-esklussivita. Hu kien talabhom jaghtuhom credit terms ahjar u fil-fatt fl-istess xahar id-ditta accettat credit terms ahjar ghas-socjeta attrici u basta li jsir certu ammont ta' bejgh mis-socjeta Valenti lis-socjeta attrici. Il-konvenut esebixxa e-mails ta' Lulju u Ottubru 2008 li jikkonfermaw dan a fol. 85 u 86 tal-process. Biex isir hekk, fuq direttiva tas-socjeta attrici, kellhom jitnaqqsu l-ordnijiet mis-suppliers l-ohra fosthom Re Argento, skond ma jitlob ix-xoghol mill-outlets tas-socjeta attrici. Kull ordni dejjem kienet tghaddi mill-Bord tad-diretturi. Dan it-tibdil fil-qies ta' ordnijiet bejn ditta u ohra sehh fl-2009 u fl-istess perjodu indunaw li hwienet ohra f'Malta kienu qed igibu l-istess prodotti ta' ditti ohra li minghandhom kienu jixtru fosthom tar-Re Argento u ghalhekk din kienet raguni ulterjuri li jkomplu jizdiedu l-ordnijiet mal-Valenti li maghhom kellhom esklussivita.

F'nofs l-2009 hass li kien hemm relazzjoni ftit li xejn hazina bejn id-diretturi tant li Arthur Castillo kien kellmu dwarha u x-xhud beda jhossu skomdu u ghalhekk beda jahseb biex jitlaq ghax ma riedx jispicca fin-nofs. Hu beda jfittex anki xoghol mhux relatat ma' dak li kien jaghmel u anki fittex l-ghajnuna ta' psikologu fejn bdiet tigi esplorata l-possibilta li jiftah ghal

rasu. Hu jammetti li baghat e-mail lil Barbara cioe r-rapprezentant ta’ Re Argento biex jara jistghux ighinuh jiftah business ghalih. Dan kien l-iskop wara l-e-mail esebita mis-socjeta attirci a fol. 53 tal-process. Fil-fatt id-ditta Re Argento ghinitu mhux biss bil-prodtti taghhom izda ta’ socjetajiet ohra. Qal li Re Argento ma kellhomx esklussivita u bieghu lil haddiehor oltre lil Vascas. Zied li wara ftit xhur li hu telaq minn ma’ Vascas u fetah ghal rasu, ir-Re Argento ghalqu.

Fil-kontroezami li sarlu x-xhud qal li hu kien responsabbli ghal inventarju tal-hamest ihwienet tal-kumpanija pero meta mill-inventarju kien jirrizultalu li hemm bzonn ta’ xi ordni, kien ighaddiha tramite d-diretturi waqt il-meetings regolari li kienu jsiru kull gimgha fejn kienu jippartecipaw anki l-managers tal-hwienet. Il-meetings kienu informali sakemm iddahlu terzi biex isir restructuring tal-kumpanija. Hu kkonferma pero li d-diretturi gieli hallewh liberu jiddilja mas-suppliers billi jikkomunika maghhom u jinnegozja maghhom fuq il-kwalita u tip ta’ xoghol li kienu jgibu. Rigward l-e-mails esebiti in konnessjoni ma’ korrispondenza ma’ certa Barbara Giacconi rapprezentanta ta’ Re Argento, ix-xhud qal li f’dak il-perjodu meta kien ghadu impjegat ta’ Vascas beda jahsibha jiftahx negozju ghal rasu jew jitlaq u kien qal b’dan lil din Barbara. Hu talabha ghajnuna in generali fis-settur ghax ma kienx jaf kif ser jaghmel biex jitlaq minn ma’ Vascas, pero hu cahad li semmielha li xtaq jahdem ma’ Re Argento meta jitlaq. Zied li ghinuh ghax sabulu supplier partikolari li ghadu jahdem bih sallum. Hu ma’ Barbara biss tkellem bil-hsieb li kellu li jitlaq minn ma’ Vascas. Sa ma telaq minn ma’ Vascas ma kellu ebda kommunikazzjoni ma’ Barbara oltre l-e-mails esebiti fuq il-hsieb li jitlaq minn ma’ Vascas. Hu seta’ tkellem ma’ supplier ta’ giollerija fil-perjodu bejn l-ahhar ta’ Dicembru 2009 sa ma telaq f’Marzu 2010. Hu ammetta izda li wara li telaq minn ma’ Vascas ordna xi affarijiet minghand Re Argento. Hu sahaq illi l-main supplier minn dejjem kien Valenti peress illi l-parti kbira tal-merkanzija fl-istore dejjem ingiebet minghadhom, u illi sema minn fomm ir-rappreznetanti tad-ditta meta gew Malta illi jekk ma jsirux ammont ta’ ordnijiet kienu jnehhu l-esslussivita. Hu qal fl-ahhar li l-e-mails li esebixxa hu riferibilment ghal kumpanija Vascas baqghu fuq l-e-mail tieghu billi f’dak il-perjodu l-e-mails kienu jissinkronizzaw fuq e-mail address wiehed.

Fabrizio Piccinino li ghandu l-kariga ta’ agent ghal xi kumpaniji Taljani qal li impjegata tieghu Barbara Giaconi responsabbli ghal negozju mal-esteru ghamlet ricerki u baghtet xi e-mails lil Vascas li ghalihom wiegeb Adrian Ellul. Huma bdew jahdmu bhala suppliers ta’ Vascas mill-2007 sal-2009. Ma kien hemm ebda tip ta’ esklussivita ghalkemm kien jippreferi jahdem ma’ klijent wiehed. Fl-ewwel sena sar negozju tajjeb ma’ Vascas u fil-fatt waqaf b’ghazla tieghu

jissuplixxi klijent iehor Malta cioe Alencia. Is-sena ta' wara fl-ewwel xhur hu u Barbara zaru Malta u tkellmu ma' Mark Vassallo fejn fid-diskussjoni Mark Vassallo talab kondizzjonijiet ahjar u hu fil-fatt tah skonti ulterjuri basta jsir bejgh fil-valur ta' mill-inqas €70,000. Hu gie muri l-hanut fejn induna li l-prodott minnu supplit kien jifforma parti zghira biss mill-prodotti ghal bejgh u ghalhekk talbu jaghmel ordni mill-ewwel. Ordnijiet ma waslux u wara li talab lil Barbara tindaga, infurmatu li l-konvenut qalilha li kellhom obbligu li jzommu ma' certi targets li ftehmu fuqhom ma' kumpanija kompetitrici cioe l-Valenti, fejn il-kuntratt kien jistipula akkwisti ta' €100,000. L-ordnijiet li waslu fil-fatt minghand Vascas ghat-tieni sena kienu zghar hafna u qata' l-kuntatt ma' Vascas. Rega' iltaqa' ma' Mark Vassallo f'xi fiera u rega' sema' minghad Vascas fl-ahhar ta' Gunju 2010 biex jaghmlu ordni, circa sena wara l-ahhar konsenja. Hu infurmahom li fil-frattemp kellu klijent iehor Malti cioe l-konvenut u jekk riedu setghu jkellmu lilu. Hu zied li l-konvenut kien baghat e-mail lil Barbara fl-ahhar tas-sena 2009 u talabha ghajnuna biex isiblu fornituri Taljani tal-gojjelli. Hu baghtlu diversi kuntatti whud minnhom li qed jahdem maghhom illum l-konvenut. Dak iz-zmien il-konvenut ma kienx tah spjegazzjoni ghal din it-talba. F'Marzu 2010 pero x-xhud rega' kkuntattjah biex jara ghalfejn ried il-kuntatti u l-konvenut qallu li ser jiftah ghal rasu u ghalhekk ix-xhud offrielu l-ghajnuna tieghu u wara li gie Malta apposta biex jara x'kien bi hsiebu jaghmel il-konvenut, iddecieda li jibda jahdem mal-konvenut bhala fornitur.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Kif taraha din il-Qorti, il-kwisjtoni legali li trid tigi indirizzata tirrigwarda d-doveri fiducjarji u d-doveri ta' fedelta relattivi ghal kuntratt ta' impjieg bejn il-konvenut u s-socjeta attrici.

Jibda biex jinghad illi l-ligi Ingliza taghmel distinzjoni bejn iz-zewg doveri.

Il-Qorti tirreferi ghal zewg appelli moghtija wahda mill-Qorti tal-Appell Ingliz fl-ismijiet **Jeremy Michael Ranson vs Customer Systems plc** deciza fis-27 ta' Gunju 2012 u ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Singapore fl-ismijiet **Smile Incorporated Dental Surgeons Pte Ltd vs Lui Andrew Stewart** deciza fil-31 ta' Lulju 2012. Il-kawzi huma b'fatti simili ghal kawza

sub iudice u fihom saret espozizzjoni erudita u kwazi identika tal-principju regolatur in materja.

Fl-appell Ranson il-Qorti tal-Appell Ingliz trattat il-kwistjoni ta' impjegat f'pozizzjoni manigerjali li rrezenja biex jiftah ghal rasu fl-istess sfera tal-impjieg tieghu u fil-perjodu tal-impjieg fetah il-kumpanija tieghu, tkellem ma' kuntatti tad-ditta li kienet timpjegah, ma qal xejn dwar dan lil principal tieghu u fil-fatt wara li ttermina l-impjieg accetta xoghol minghand l-imsemmija kuntatti.

Il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> A "fiduciary" duty should not be confused with a duty of "fidelity". The duty of fidelity may be expressly set out in the contract but if not, it will be implied. All employment contracts contain an implied term that an employee will serve their employer in good faith and with fidelity (duty of fidelity) meaning that during employment, the employee should act in their employer's interests and not use the time for which he is paid by the employer in furthering their own interests. However, it also means that whilst the employee must have regard to their employer's interests, it does not in general amount to a "promise to give his employer the benefit of every opportunity within the scope of its business".
>
> A fiduciary duty exists where there is fiduciary relationship, such as between a director and the company of which the director is an officer. Directors are under a fiduciary duty (partially set out in the Companies Act 2006) which requires the director to owe a "single-minded duty of loyalty to the company and act in the company's best interests'

Il-Qorti tal-Appell qalet in oltre li l-impjegat hu f'pozizzjoni differenti u ma jassumiex, semplicement qua impjegat, obbligi fiducjarji lejn il-principal. Anki jekk jitqies bhala fiducjarju, mhux kull fiducjarju jassumi l-istess doveri f'kull cirkostanza. Il-fonti ghandu jkun il-kuntratt ta' impjieg. Obbligi fiducjarji jinsorgu fejn obbligazzjonijiet spcifici kuntrattwali jpoggu lill-impjegat f'sitwazzjoni fejn il-ligi ghalhekk tramite dawn l-obbligi timponi fuqu doveri addizjonali aktar rigoruzi.

Ma' dan jizdied illi impjegati ta' certa livell jistghu jkunu suggetti ghal doveri fiducjarji imposti mill-kuntratt ta' impjieg pero ma jistghux jitpoggew fil-keffa ta' diretturi u d-doveri fiducjarju impost fuqhom. Dover fiducjarju ta' direttur inghad fil-kawza **Fishel** imsemmija fid-decizjoni kkwotata illi:

> the hallmark of a fiduciary is a single-minded duty of loyalty. The duty of loyalty in that context has a precise meaning: "namely the duty to act in the interests of another". As mentioned, this is not a feature of an employment relationship. In the employment context the duty of loyalty, although given the same label, "is one where each party must have regard to the interests of the other, but not that either must subjugate his interests to those of the other. "
>
> Likewise in *Helmet Integrated Systems Ltd v Tunnard*
>
> "An employee owes an obligation of loyalty to his employer but he will not necessarily owe that exclusive obligation of loyalty, to act in his employer's interest and not in his own, which is the hallmark of any fiduciary duty owed by an employee to his employer. The distinguishing mark of the obligation of a fiduciary, in the context of employment, is not merely that the employee owes a duty of loyalty but of single- minded or exclusive loyalty."
>
> *Helmet Integrated Systems Ltd v Tunnard* also shows that the obligation of loyalty is no more than an obligation loyally to carry out the job that the employee agreed to do. This, too, is the result of *Fishel*.
>
> " ... The employee does not in general promise to give his employer the benefit of every opportunity falling within the scope of its business."

B'zieda ma' dan fl-istess decizjoni **Ranson**, il-Qorti qalet illi fejn impjegat ghandu obbligu fiducjarju dan ma jinkludix necessarjament id-dover li l-impjegat jirraporta l-vjolazzjoni minnu tal-kuntratt sakemm din mhix kondizzjoni imposta fl-istess kuntratt.

In kwantu ghal obbligu ta' fedelta kif intqal ghalkemm l-impjegat ghandu l-obbligu li jqis l-interess tal-principal dan ma ghandux jiftiehem li l-impjegat ghandu jiddesisti assolutament milli jfittex l-interess tieghu u ghalhekk ghandu dritt li jfittex u jipprepara biex jahdem ghal rasu anki f'kompetizzjoni mal-principal sakemm ma jkunx qed jivjola xi obbligu ta'

konfidenzjalita jew obbligu partikolari fil-kuntratt bhal dak ta' 'restraint of trade' u basta ma jkunx qed jikkompeti mal-principal fiz-zmien tal-impjieg tieghu.

Fil-prattika jekk jirrizultax li hemm vjolazzjoni ta' dover ta' fedelta jew dover fiducjarju hu kwistjoni ta' fatt u jiddependi mill-fattispecie partikolari ta' kull kaz tenut kont b'mod partikolari ghal kondizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kontrattwali bejn l-impjegat u l-principal.

Fl-istess vena u konsiderazzjonijiet legali simili giet trattata l-kwistjoni fl-appell **Smile Incorporated** tal-Qorti tal-Appell ta' Singapore. Il-Qorti hemm ghamlet referenza ghal kawza ohra **Man Financial (S) Pte Ltd (formerly known as E D & F Man International (S) Pte Ltd) vs Wong Bark Chuan David** (2008) 1 SLR(R) 663 ("Man Financial") fejn inghad:

> "It is trite law that there is an implied term in the employer's favour that the employee will serve the employer with good faith and fidelity, and that he or she (the employee) will also use reasonable care and skill in the performance of his or her duties pursuant to the employment contract."

U imbaghad irreferit ghal kawza **Nottingham University vs Fishel** (2000) imsemmija anki fil-kawza **Manson** fejn qalet li:

> "... fiduciary duties "result from the fact that within a particular contractual relationship there are specific contractual obligations which the employee has undertaken which have placed him in a situation where equity imposes these rigorous duties in addition to the contractual obligations."

Fil-kawza **Smile Incorporated** il-Qorti tal-Appell kienet cara u qalet illi obbligi fiducjarju jinsorgu biss meta impjegati li ghandhom 'top management positions with the power and influence to materially affect the company's interests'. Il-Qorti rriferiet ghal **Nagase Singapore Pte Ltd v Ching Kai Huat** (2007) fejn intqal li:

> middle management employees with the authority to negotiate contracts on behalf of the company or to authorize the payment of invoices did not owe fiduciary duties to the employer.

Rigward mizuri prepatorji biex l-impjegat jidhol f'kompetizzjoni mal-principal tiehgu l-Qorti fi **Smile** qalet illi mizuri prepatorji mhumiex fatturi li jindikaw ksur tad-dover implicitu ta' fedelta u buona fede sakemm ma jkunx hemm kompetizzjoni attwa fil-kors tal-impjieg. Semmiet ukoll ezempji fejn jista' jitqies ksur tad-dover cioe:

• Acquiring the business of the employer's direct competitor and conducting business using the acquired company;

• Undertaking highly skilled work for a direct competitor of the employer during the employee's spare time;

• Actively procuring the breakdown of the relationship between the employer and the employer's principal and accepting the offer of employment from the principal to compete with the employer;

• Soliciting the employer's customers and or the employer's employees to join a company incorporated by the employee to compete with the employer, and

• Entering into agreements with actual and potential customers,

An employee's acts which have previously been held to be merely preparatory activities and consequently permissible include the following:

• Forming an intention to start a competing business;

• Consulting accountant and lawyers on the viability of the competing business;

• Approaching a bank for financing;

• Leasing premises for the competing business;

• Applying and obtaining government grants for the competing business, and

• Writing to the employer's suppliers to inform them of the intention to start a business and enquiring details of the suppliers' products.

Il-principji applikabbli ghal Malta ghalkemm simili iridu jittiehdu fil-perspettiva tal-ligijet ta' Malta li huma ta' rilevanza diretta u jridu jittiehdu in konsiderazzjoni ghas-soluzzjoni ta' vertenza.

Jibda biex jinghad illi b'mod generali hu dover primarju ta' kull impjegat li jezegwixxi l-mansjonijiet tieghu b'diligenza. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Limited** (28/03/2008):

> Tali dover b' din id-diligenza jirrientra f' dak tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) Kodici Civili ghall-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni. Naturalment, dejjem, b' dak l-adattament necessarju dettat minn natura tal-kuntratt singolari. Hekk, allura, trattasi minn kuntratt ta' impjieg, l-interess ta' min ihaddem jimponi li l-prestazzjonijiet ta' l-impjegati tieghu jkunu korrelati ma' dawk ta' l-esigenzi organizzattivi partikulari tal-kumpanija li fih ir-rapport tax-xoghol jinserixxi ruhu. Hu proprju dan l-istess interess li jservi biex jippuntwalizza l-parametri tad-diligenza aspettata mill-impjegat;

Hu dan il-kejl li fil-fehma tal-din il-Qorti irid l-ewwel u qabel kollox jittiehed in konsiderazzjoni qabel ma wiehed jifli l-fatti u l-lanjanzi li johorgu mill-istess ftehim ta' impjieg skond il-fehma tal-kontendenti mressqa ghall-iskrutinju tal-Qorti.

Din il-kawza titratta dwar doveri ta' impjegat fil-pozizzjoni ta' manager, cioe pozizzjoni ezekuttiva b'doveri, anki jekk mhux esplicitament imsemmija fil-kuntratt ta' impjieg, li jimponu responsabilta aktar oneruza minn dik ta' impjegat semplici fil-konfront tal-principal li jhaddmu.

Il-Kapitolu 13 jitkellem dwar il-pozizzjoni tal-manager li jitqieghed biex jiehu hsieb l-intrapriza jew parti mill-intrapriza tal-principal bis-sahha li jorbot lil principal fil-limiti tal-poteri afdati lilu. Bis-sahha tal-ligi manager ma jistax jagixxi f'ismu jew f'isem terzi minghajr il-kunsens espress tal-principal tieghu jew ikollu interess fi jew imexxi negozju tal-istess natura ta' dak li fih ikun impjegat jew afdat.

Dawn l-obbligi huma dawk necessarji biex bejn il-principal u l-manager ikun hemm rapport ta' fiducja, lealta u fedelta.

Fis-sentenza **Anthony Caruana and Sons Limited vs Christopher Caruana** (App Sup 28/02/2014) il-Qorti irreferiet ghal noti tal-Professur Joseph A. Micallef rigward il-Kodici tal-Kummerc (pagni 121-123) fejn intqal hekk:

Manager jinghad li ghandu doveri ta’ ghaqal u lealta` lejn il-principal tieghu. Kif jghid il-mibki **Professur Joseph A. Micallef** fin-noti tieghu dwar il-Kodici ta’ Kummerc (pagna 121-123):

“The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office ... The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent.”

Qua agent u mandatarju l-manager ghandu doveri li jagixxi bid-diligenza ta’ bonus pater familias bir-responsabilta implicita li din iggib maghha.

Illum bl-introduzzjoni tal-artikolu 1124(A) tal-Kap. 16 dwar obbligi fiducjarji, giet kristallizzata dak li l-Qrati taghna kienu jsostnu cioe illi certi kuntratti minn natura taghhom jimponu obbligi addizjonali ghal dawk kuntrattwali fosthom il-kuntratt ta’ impjieg. L-artikolu 1124(A)(a) fil-fatt jasserixxi li hemm obbligi fiducjarji meta dawn jirrizultaw mill-istess ligi, minn kuntratt u fost affarijiet ohra msemmija, minn assunzjoni ta’ kariga fejn fost elementi ohra persuna jkollha d-dmir li thares l-interessi ta’ persuni ohra.

Kwindi, hu car illi fil-ligi Maltija, rapport kontrattwali jew/u anki f’assunzjoni ta’ kariga (kif certament il-kaz odjern jiccentra) hemm obbligu fiducjarju fejn hemm id-doveri li wiehed ihares l-interess ta’ haddiehor.

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li dan l-artikolu ma hu xejn ghajr l-applikazzjoni generali tal-ligi illi fil-qadi tad-doveri tieghu, impjegat irid iqis l-interess tal-principal tieghu u jagixxi bid-diligenza kollha fil-qadi ta’ dmiru u aktar ma hi gholja l-pozizzjoni jew il-kariga, aktar jassumi piz l-obbligu ta’ fedelta, lealta, onesta u buona fede fil-konfront tal-principal u aktar hu ta’ importanza li dak li ghandu kariga jagixxi bid-diligenza ta’ bonus pater familias. Tradott

f'termini semplici l-impjegat specjalment fil-karigi esekuttivi ma jridx jaghmel hsara, jew jagixxi b'detriment jew pregudizzju jew b'dannu ghall-interess tal-principal tieghu. Dawn id-doveri ghandhom jitqiesu b'zieda ma' kull kondizzjoni ohra kontrattwali fir-rapport ta' impjieg bejn il-principal u l-impjegat.

Huma in-natura tal-kariga, ir-responsabilitajiet u poteri afdati oltre kundizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta' impjieg li jiddeterminaw u jiddelineaw il-qies tal-fiducja riposta u mistennija u ghalhekk huma dawn il-fatturi li jriedu jittiehdu in konsiderazzjoni meta jigi kunsidrat allegazzjoni ta' nuqqas ta' dover kemm esplicitu jew implicitu liema nuqqas igib mieghu il-konsegwenza ta' responsabilita ghal hsara li tkun allegatament giet kommessa a dannu tal-principal.

Din il-Qorti ghalhekk tqis illi t-taghlim gurisprudenzjali Ingliz imsemmi aktar il-quddiem ghandu rilevanza in kwantu jitratta fattispecie differenti li f'certi sitwazzjonijiet jista' jitqies bhala abdikazzjoni u vjolazzjoni tad-dover lavorativ assunt mill-impjegat skond il-kariga fdata lilu mentri f'certi sitwazzjonijiet kongrui jistghu jitqiesu biss bhala atti li ma jwasslux ghal determinazzjoni ta' responsabilta u konsegwenti kundanna ghal xi danni allegatament kawzati. Hafna drabi, kif jigri kwazi dejjem, il-principji jridu jigu applikati b'referenza partikolari ghal fattispecie unici tal-kaz u mhux kull kaz per forza jimbekka s-sanzjoni estremi tal-ligi mehud fit-termini astratti legali.

**Konsiderazzjonijiet applikabbli ghal kaz**

Applikati dawn il-principji li l-Qorti jidhirilha li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghas-soluzzjoni tal-vertenza, wiehed irid iqis l-ewwel l-obbligi kontrattwali tal-konvenut.

Jidher car mill-kuntratt ta' impjieg illi l-konvenut ghalkemm impjegat bhala manager – purchasing and cost control, jinghad car fl-ewwel paragrafu illi l-management tan-negozju u l-operazzjoni ta' Vascas Enterprises hi afdata lil Bord tad-diretturi. Il-kondizzjonijiet partikolari mbaghad li fuqhom tishaq il-kumpanija attrici huma 9.1 u 10.1 tal-ftehim riportati aktar lura f'din is-sentenza. L-obbligi tal-konvenut kienu fil-qosor li ma jmexxix negozju tieghu

fil-perjodu li jkun impjegat full time u li jzomm l-informazzjoni li jkun gabar rigward is-socjeta attrici u l-klijent taghha bhala konfidenzjali wara t-terminazzjoni tal-impjieg.

Dawn kienu l-obbligi espressi specifikament fil-kuntratt u ebda wahda minnhom ma jidher li giet vjolata. Is-socjeta attrici tibbaza l-kawza taghha (u dawn huma l-parametri specifici tal-azzjoni) fuq kwistjoni wahda cioe li waqt li l-konvenut kien ghadu impjegat, beda process biex jiftah ghal rasu fuq linja simili ghal dik tas-socjeta attrici. B’dan l-intendiment hu ikkapparra fonituri tal-istess socjeta cioe Re Argento billi naqqas l-ordnijiet ta’ din id-ditta biex meta jiftah ghal rasu tibda tissuplixxi lilu. L-ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet ma huma konnessi ma’ obbligi fiducjarji specifici assunti fil-kuntratt ta’ impjieg. Ma saret ebda prova illi fil-kors tal-impjieg il-konvenut beda attivita ghal rasu. L-unika prova cara u mhix kontestata hi illi diversi xhur qabel ittermina l-impjieg il-konvenut beda jfittex li jahdem ghal rasu izda mhux li beda jahdem ghal rasu kif trid il-klawsola 9.1 tal-kuntratt ta’ impjieg tieghu.

Din il-Qorti tqis illi ghalkemm l-impjegat hu fl-obbligu li jfittex l-interess ta’ min ihaddmu specjament bhal konvenut fil-kariga li kellu, ma jfissirx b’daqshekk li ghandu obbligu ghal dejjem li jibqa’ fl-impjieg u ma ghandux ifittex li jtejjeb il-pozizzjoni lavorativa tieghu bla ma jikkawza hsara jew jonqos milli jezercita d-doveri tieghu fil-kors tal-impjieg sat-terminazzjoni u li wara t-terminazzjoni ma juzax l-informazzjoni kunfidenzjali li gabar fil-kors tal-impjieg bi hsara diretta ghal principal li tmur lil hinn mill-kompetizzjoni gusta necessarja fil-qasam tal-kummerc. Atti preparatorji mehuda oggettivament, fil-fehma tal-Qorti ma jitqiesux bhala tradiment tal-obbligi fiducjarji assunti. Bl-istess mod ma saret ebda prova li ma zammx l-obbligu ta’ kunfidenzjalita dwar informazzjoni dwar id-ditta jew il-klijenti taghha. Hu minnu li fil-kors tal-kawza l-konvenut esebixxa e-mails tas-socjeta attrici mad-ditta fornitrici Valenti u dan minghajr spjegazzjoni adegwata ghalfejn dan il-materjal kien fil-pussess tieghu pero l-prova ta’ dawn id-dokumenti kienet indirizzata fil-konfront tas-socjeta attrici stess mhux fil-konfront ta’ terzi u intiza biex tirribatti l-pretensjoni tal-ksur kontrattwali maghmula kontrih mis-socjeta attrici. Jinghad ukoll li ma saret ebda kondizzjoni relatata mat-terminazzjoni jew oltre t-terminazzjoni tal-impjieg li jfisser illi l-azzjoni attrici hi ibbazata biss fuq il-ksur ta’ obbligi kontrattwali emanenti mill-kuntratt tal-impjieg mal-konvenut fil-kors tal-impjieg tieghu.

Dan iwassal lil Qorti biex allura tidhol fl-aspett l-iehor tal-kwistjoni cioe jekk bl-agir tieghu l-konvenut naqasx fid-dover implictu ta' fedelta u lealta lejn il-kumpanija li kienet timpjegah emanenti mir-rapport fiducjarju marbuta mal-kariga tieghu fi hdan il-kumpanija.

Il-bazi tal-allegazzjoni attrici hi illi l-konvenut xjentement u b'malafede naqqas l-ordnijiet tal-fornitur Re Argento biex jipprepara t-triq halli meta jiftah ghal rasu jikkapparra l-istess fornitur. Kif inghad u jirrizulta mill-gurisprudenza estera kwotata, atti preparatorji sabiex impjegat jiftah ghal rasu anki f'kompetizzjoni mal-principal mhix fiha nfisha prova ta' nuqqas ta' obbligu ta' fedelta. Hawn pero l-allegazzjoni hi aktar serja u jekk provata tmur kontra l-obbligu implictu ta' kull impjegat senjatament f'dan il-kaz ta' manager li jagixxi fl-interess ta' min jimpjegah u mhux jimminah u jagixxi b'mod li fil-kors tal-impjieg jaghmel hsara lil principal permezz tal-pozizzjoni li jokkupa aktar u aktar fejn din il-hsara tkun aktar odjuza ghax intiza biex tivvantaggja l-istess impjegat bl-iskop li jiftah negozju ghal rasu u jikkaparra ghalih fornituri tal-istess socjeta. Il-prova li saret mis-socjeta attrici tistrieh fuq is-sales li kif jirrizulta mill-affidavit tal-accountant Adrian Dingli a fol. 57 tal-process fi tmien xhur fl-2007 ir-Re Argento suppliet lis-socjeta attrici b'kemm jiswa €31,465, fl-2008 suppliet b'kemm jiswa €74,730 u fit-tmien xhur tal-2009 meta waqfet il-fornitura ta' din id-ditta, l-ammont suppliet kien biss ta' €14,010. Is-socjeta attrici tikkontendi illi dan sehh bir-raggiri tal-konvenut li rrid jikkapparra l-fornitur ghalih u beda jgib skuza li l-prodott ma kienx tal-istess kwalita u valur tal-prodotti ohra ta' fornituri ohra senjatament ta' Valenti.

Din il-Qorti mhix konvinta mill-prova prodotta mis-socjeta attrici biex tipprova din l-allegazzjoni. Il-konvenut jinnega li hu b'xi mod kellu xi poteri decizjonali minghand min jixtri l-prodotti. Il-partijiet jaqblu li decizjonijiet simili kienu jittiehdu f'laqghat tad-dirigenti u illi effettivament l-ahhar kelma hi tad-diretturi. Id-direttur Mark Vassallo jirribatti li kien joqghod fuq il-kelma tal-purchasing manager u jekk ighidlu li prodott hu ahjar minn iehor, kien jikkonferma s-suggeriment. Prova cara dwar dan ma hemmx. Pero dak li naqset taghmel is-socjeta attrici hu illi turi ness fattwali u prossimu kemm ghal nuqqas ta' ordnijiet mas-socjeta Re Argento ma' nuqqas ta' ordnijiet ohra ma' ditti ohra maghmula mill-konvenut u wkoll illi n-nuqqas ta' ordnijiet minghand is-socjeta Re Argento sarraf f'telf finanzjarju ghall-istess socjeta. Mhux bizzejjed, kif ippruvat taghmel is-socjeta attrici, li tghodd ix-xiri kollu, taghmel average u tasal ghal telf f'introjtu ipotetiku. Kontra din l-allegazzjoni l-konvenut jirribatti illi l-fornitur principali ma kienx Re Argento izda d-ditta Valenti u fil-fatt kien hemm ftehim verbali ta' esklussivita ma' din id-ditta. Hu esebixxa e-mails datati Lulju u Ottubru 2008 a fol. 85 u 86

tal-process li juru illi s-socjeta attrici inghatat kondizzjonijiet favorevoli hafna basta li x-xiri minghand il-fornitur fl-2008 kien ser ilahhaq id-€90,000. Il-konvenut jikkontendi illi t-tnaqqis mis-socjeta Re Argento kien rifless f'zieda band'ohra. Dan mhux negat mis-socjeta attrici u anqas saret prova li tikkontrobatti din il-fehma.

In oltre d-direttur ta' Re Argento Fabrizio Piccinino ukoll jikkonferma li hu zar Malta f-ewwel xhur tal-2009 u ried li biex jintlahqu kondizzjonijet ahjar irid ikun hemm bejgh ta' circa €70,000 bas-sena ta' qabel. Hu tkellem ma' Mark Vassallo u ma hax risposta cara minghandu u fil-fatt l-ordnijiet kienu ftit. Meta zar il-hanut hu induna li l-prodott tad-ditta Re Argento kienet minima komparata ma' tal-Valenti. Hu fil-fatt qata' l-kuntatt. Ma sar ebda kontroezami ta' dan ix-xhud u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex hlief il-kelma tieghu mhix kontradetta minn fatti ohra. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tistrih fuq l-allegazzjoni tas-socjeta attrici bla ebda prova li tissostanzjaha.

Is-socjeta attrici tishaq illi t-tnaqqis orkestrat mill-konvenut tal-ordnijiet minn Re Argento sarrfu lil konvenut billi hu beda jixtri minghand l-istess ditta. Bhala fatt hu accettat mill-istess Fabrizio Piccinino illi meta l-konvenut ma baqax fl-impjieg mas-socjeta attrici wara Marzu 2010 beda jfornih bil-prodotti tad-ditta. Ma hemmx prova li fil-fatt kien ifornih fil-perjodu li l-konvenut kien ghadu impjegat ma' Vascas jew li sar xi ftehim jew akkordju preliminari li hekk kien ser jigri. L-istess Piccinino jeskludi tali ipotesi bhala fatt. Piccinino jammetti biss li kien jaf li l-konvenut kien qed jikkontempla jitlaq minn Vascas ghal habta tal-ahhar ta' Novembru 2009 u li talbu jaghtih lista ta' fornituri kif fil-fatt ghamel izda l-ewwel kuntatt fuq negozju dirett sar wara t-terminazzjoni tal-impjieg.

Tajjeb li f'dan l-istadju tigi riprodotta e-mail tal-konvenut lil rapprezentant ta' Re Argento tat-28 ta' Novembru 2009 li tghid hekk:

> ciao barbara,
>
> ti ricordi quando abbiamo parlato di quella proposta can fabrizio ?penso che ho finalizato un bel negozio .non he in un posto molto comercialc come sono sliema,valletta,st julians ma e in un posto dove ce un supermercato lidl, un altlro supermercato digitale e ce altri negozi ,ma oggi tutti le persone hanno le machine e qui a malta non ce molto lantana da citta a citta lo sai quando e piccola in un ora

giro tutto il paese ... lunedi prossimo alle 18.00 sto per vedere questa negozio e parlo con un contabile, e comminciamo da li spero che va tutto bene perche oggi arnica mia mi ha chiamato per dirmi questa proposta ... e in questa posto non ce nessuno che e in questa linea ... penso che 10 provo io >>>>>

aspetto le vostre notizie per vedere se avete ancora l interesso e se volete auitarmi !!!

Din l-e-mail kull ma fiha hi l-intenzjoni tal-konvenut li jitlaq ghal rasu u talba ghal ghajnuna li kif xehed l-istess Piccinino kienet biss tikkonsisti f'li jaghtuh lista ta' fornituri barranin. Ma jirrizultax b'daqshekk illi l-konvenut naqas f'xogholu jew il-lealta lejn il-principal. Ma jirrizultax ebda lment da parti tas-socjeta attrici naxxenti mix-xoghol tal-konvenut. L-uniku lment kien jirrigwarda l-fornitur Re Argento li jirrizulta li waqfu li jsiru ordnijiet mieghu f'Awwissu 2009 u ma jidhirx illi r-Re Argento beda jfornixxi lil konvenut qabel ma dan telaq mix-xoghol li kellu ma' Vascas. Jista' jkun illi kien hemm l-intenzjoni implicita li r-Re Argento kien lest li jfornixxi lil konvenut meta dan jitlaq ghal rasu. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti ssibha ftit vaga x-xhieda ta' Piccinino meta jghid li bejn Novembru 2009 u Marzu 2010 ma sar ebda abbokkament bejniethom u f'Marzu 2010 ikkuntattjah biex jara ghaliex kien staqsih f'Novembru ghal ismijiet ta' fornituri barranin. Pero dan wahdu ma jwassalx lil Qorti ghal konvinzjoni dwar l-allegazzjoni attrici illi kien il-konvenut li orkestra l-waqfien tal-fornitura ta' Re Argento mas-socjeta attrici biex jehodha hu. It-tul ta' zmien bejn il-waqfien tar-relazzjoni mar-Re Argento sa meta jirrizulta li l-konvenut beda jixtri minn ghandha kien zmien pjuttost twil u l-Qorti ma tikkonsidrax realistiku li fornitur barrani ser jieqaf jissuplixxi ditti ohra biex jistenna li l-konvenut jiftah ghal rasu. Bl-istess mod ma tqis daqshekk realistika li s-socjeta attrici ser thalli negozju ma' ditta jieqaf bla ma taghmel xejn hlief toqghod fuq il-kelma ta' impjegat ghalkemm afdat jekk il-qliegh ma kienx gej minn zieda ta' ordnijiet band'ohra. Il-fatti juru illi s-socjeta attrici kienet tiehu d-decizjonijiet ta' negozju importanti fil-laqghat li kienu jsiru ghalkemm kienet thalli lil konvenut jaghmel trattativi biex igib l-ahjar kondizzjonijiet soggett ghall-approvazzjoni tad-diretturi.

Jirrizulta wkoll, u dan mhux kontradett illi l-fornitur principali kien Valenti li fil-perjodu 2008 saru arrangamenti bil-miktub dwar l-ammont mistenni li s-socjeta attrici tixtri biex tinghata skonti u kondizzjonijiet ta' hlas favorevoli. Bl-istess mod mhux oppost dak li jixhed Piccinino li talab lid-direttur Mark Vassallo fil-bidu tal-2009 biex izomm xiri ta' €70,000 biex igawdi minn kondizzjonijiet favorevoli u ma sema' xejn aktar dwar dan anzi l-bejgh naqas. Dan juri illi ma

ngieb ebda ness konkret dwar it-tnaqqis fl-ordnijiet ma' Re Argento biex jiggustifika agir tant skorrett tal-konvenut li jitqies li naqas mill-obbligu ta' fedelta u hidma fl-interess tal-principal fil-kors tal-impjieg li wassal ghal xi konsegwenti dannu finanzjarju ppruvat da parti tas-socjeta attrici.

Ghal kompletezza l-Qorti tirrimarka dwar e-mails mibghuta mill-konvenut lil Barbara ta' Re Argento a fol 39 u 40 tal-process datati 12 u 17 ta' Novembru 2009 fejn Barbara offriet ghal bejgh certu oggetti bi prezz partikolari u dan fit-12 ta' Novembru 2009 u li ghaliha irrisponda l-konvenut fis-17 ta' Novembru 2009 biex jinghata ritratt u prezz ahjar. L-e-mails huma indirizzati 'per conto di Adrian Ellul' u fi zmien meta r-relazzjoni bejn Vascas u s-socjeta Re Argento kienet terminata. Sfortunatament ma saru ebda provi dwar dawn l-e-mails u del resto ma jurix illi l-konvenut fil-fatt xtara f'ismu prodotti ta' din is-socjeta meta kien ghandu impjegat mas-socjeta attrici.

Il-Qorti hi prekluza li taghmel suppozizzjonijiet li ma jirrizultawx mill-provi u ghalhekk ma tistax taghti piz probatorju lil dawn l-e-mails aktar minn dak li jidher prima facie li fl-ahhar mill-ahhar ma jikkostitwixxu ebda prova favur jew kontra parti jew ohra. L-aktar li jista jinghad hu illi l-konvenut kien qed jagixxi vicin hafna tal-linja li ma setax jaqbez qua impjegat fil-pozizzjoni li kellu izda xejn aktar.

Maghdud dan kollu, il-kuntratt mal-konvenut u l-provi prodotti mis-socjeta attrici wahedhom ma jwasslux lil Qorti li tkun konvinta li l-konvenut kiser xi kondizzjoni fiducjarja imposta specifikament fuqu fil-kuntratt ta' impjieg jew kiser obbligu implicitu fiducjarju ta' fedelta, fiducja, korretezza u buona fede naxxenti mill-kariga tieghu. L-unika prova cara li harget hu li l-konvenut kien imdejjaq u ried jitlaq u fiz-zmien tal-impjieg beda jaghmel kuntatti u jfittex lok alternattiv fejn jibda n-negozju tieghu. Ma gie ppruvat ebda ness konkret bejn in-nuqqas u eventwali twaqqif fl-ordnijiet li kienu jsiru ma' Re Argento ma' xi operat dirett tal-konvenut b'abbuz tal-fiducja imposta fih bhala impjegat b'kariga li kellu d-dmir li jahdem b'lealta lejn is-socjeta attrici. Il-kontroll tieghu fis-socjeta attrici ma rrizultax tali li kellu f'idejh il-poter li jmexxi u jiddeciedi unilateralment u b'diskrezzjoni n-negozju tas-socjeta attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u konsegwentement it-talbiet l-ohra ghax konsegwenzjali, Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------